**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 16/13(26_03_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Kunsillier u s-Sur Robert Mallia - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-20 ta' Marzu 2013.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Laqgħa tal-Lokalita' 2013.
6. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
7. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
8. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva *acknowledgment* mingħand il-MEPA għan-notifika DN 01576/12 tal-Kunsill sabiex isir xogħol fir-rigward ta' 'Proposed hard stone paving over existing concrete in public area' fil-Bajja tax-Xlendi.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċjal Eżekuttiv – Politika u Leġiżlazzjoni tal-UE, MEUSAC rigward is-*Seminar* li organizzaw fit-23 ta' Novembru 2012 għall-Kunsilli Lokali bħala parti mill-kampanja ta' għarfien dwar l-istrateġija 'Ewropa 2020'.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Action Group Foundation fejn ħabbru l-*launching* tal-Call for Proposals għal Action 413.2 – Folk and Traditional Activities Support taħt Axis 4, LEADER tar-Rural Development Programme for Malta (2007-2013).

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Action Group Foundation fejn ħabbru l-*launching* tal-Call for Proposals għal Action 413.6 – Festivals and Events taħt Axis 4, LEADER tar-Rural Development Programme for Malta (2007-2013).

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Malta Library and Information Association (MaLIA) dwar il-Konferenza 'Maltese Libraries – What Future?' fl-10 ta' Mejju 2013 fil-Cavalieri Hotel, San Ġiljan.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Breast Care Support Group Europa Donna Malta rigward il-mixja 'Walk the Pink Road Together' fl-24 ta' Marzu 2013.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Head of Certification, Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) rigward 'Inspection of Playgrounds during 2013'.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-'Board of Petitions contact details'.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal stedina mingħand il-Cultural Contact Point Malta għall-*Workshop* jismu 'Matching Projects with Funds', fil-15 ta' Marzu 2013, f' Dar l-Ewropa, Valletta.

2.10 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra għall-Konferenza bit-tema 'Second Generation of Immigrants' bħala parti mid-DIAMI project, fid-19 u fl-20 ta' Marzu 2013 fil-Lukanda Ta' Ċenċ, Ta' Sannat.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-ETC rigward l-'Employment in the Social Economy Project' (ESEP).

2.12 Il-Kunsill irċieva *fax* mingħand il-Kumpanija Taljana Gentile Fontane fejn taw xi informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u l-offerti li qed joffru.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward *Information Session* għall-final Youth in Action deadlines for the 2007-2014 programme period fl-4 t' April 2013, fl-Oratorju Don Bosco, Victoria.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00440/12 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq Marina, Ix-Xlendi minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp bi ksur tal-permess PA5750/96 datat 26 ta' Awissu 1999 u li jikkonsisti f' kostruzzjoni ta' tinda u qiegħed jokkupa *area* akbar bl-imwejjed u s-siġġijiet minn dak approvat fl-istess permess.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Natura 2000 Malta rigward il-*website* tagħhom li għadu kemm ġie *launched*.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Pulizija ta' Malta rigward 'Sharing of Information Meeting with Drug Squad Personnel – Marzu 2013'.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward il-'UIF (Urban Improvement Fund) Statement of Funds' sa l-aħħar ta' Frar 2013.

2.18 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 21/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jitwassal tagħrif mingħand l-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea dwar kors ta' siwi għall-Youth in Action Projects, bejn it-12 u l-14 t' April 2013.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-MCAST – Institute of Business and Commerce rigward 'Launching Unpaid Work Placement Scheme for Summer 2013 – Initial Request for Assistance by Potential Employers'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat tal-Munxar Falcons FC fejn qed jipproponu li jsir *Festival* tal-isport sabiex jiġi mfakkar il-mibki benefattur tar-raħal u *ex-player* tal-*Club*, Mario Gauci. Dan il-*Festival* isir fl-1 ta' Mejju 2013, festa pubbliku u jkun imtella' mill-Kunsill Lokali. L-organizzazzjoni tkun f' idejn il-*Club* u qed jitolbu s-somma ta' €250.00. Dan il-*Festival* ikun miftuħ għal kull min ikun jixtieq jieħu sehem, fejn il-membri tal-Kunsill Lokali jqassmu l-premijiet f' għeluq din l-attivita'.
Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta, iżda l-Club irid iqassam *flyers* fil-Munxar u Ix-Xlendi.

3.02 Il-Kunsill irċieva l-ftehim *draft* li ser isir mal-Green MT fir-rigward ta' skart tal-ippakkeġġjar (skart separat). Kien hemm qbil li dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 16/13(26_03_13).

**5.00 Laqgħa tal-Lokalita' 2013.**

5.01 Il-laqgħa għal-lokalita' tal-Munxar saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2013, fl-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.
F' din il-laqgħa kien hemm persuna preżenti u minn naħa tal-Kunsill kien hemm is-Sur Joseph Sultana - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.
Din il-persuna semmiet il-problema li kien hemm dwar trinka li saret fi Triq il-Qsajjem. Għalkemm din issa tranġat, il-Kuntrattur dam xi 15-il ġurnata biex jirranġa u f' dan iż-żmien għamel pjanċa tal-ħadid li kienet ta' inkonvenjent għar-residenti. Sar suġġeriment li kull meta jkun hemm xi xogħlijiet fit-toroq, issir tabella bl-isem tal-Kuntrattur.
Sar suġġeriment sabiex isir kontroll ta' *speed* eċċessiv fi Triq il-Qsajjem. Jistgħu jsiru *road humps* jew inkella bankini biex it-traffiku jkun ikkalmat.
Issemmiet il-problema tal-ilma tax-xita fi Triq il-Qsajjem u qed ikun issuġġerit li ssir *soft area* fi Triq il-Qsajjem.

5.02 Il-laqgħa għal-lokalita' tax-Xlendi saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick's.
F' din il-laqgħa kien hemm 9 persuni preżenti flimkien mas-Sur Joseph Sultana – Sindku, is-Sur Godwin Azzopardi – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Mark Busuttil - Viċi-*Chairperson* u s-Sur Michele Fenech Adami – Membru.
Saru dawn l-ilmenti / suġġerimenti:

- Fi Triq il-Kantra kien hemm toqba f' nofs it-triq sabiex titranġa.
- Titneħħa l-*Billboard* li hemm fi Triq il-Kantra minħabba li qed tgħatti l-veduta. Din ser titneħħa hekk kif il-proġett ikun lest.
- Ilment dwar *speed* eċċessiv fi Triq il-Qsajjem u sar suġġeriment sabiex isiru sinjali mal-art.
- Suġġeriment sabiex issir lampa oħra fi Triq il-Kavallieri minħabba li dawk li hemm mhumiex adegwati. Lampa oħra ser issir meta t-triq tinkesa bit-tarmak u jsiru fuq *poles*.
- Ilment li Sid ta' proprjeta' privata mbarra l-entratura b' ħajt iżda peress li din hija proprjeta' privata, il-Kumitat m'għandux ġurisdizzjoni.
- Fi Triq il-Qsajjem irid jinżabar is-siġar ta' l-Olejandru.
- Kien hemm ilment dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Fontana peress li x-xogħol qed jieħu fit-tul aktar minn dak previst.
- Kien hemm kumpliment dwar is-servizz tal-Arriva minn Victoria għax-Xlendi u lura.
- Ilment dwar il-*bollard* ta' quddiem il-Knisja tal-Munxar, ilment dwar li n-nies qed joħorġu r-*rubbish* kmieni ħafna, dwar klieb fit-triq li ma jkunux marbutin biċ-ċinga u siġar imdendlin fi Triq il-Kavallieri.
- Ilment dwar ħaxix fuq il-bankina minn Trejqet il-Madonna tal-Karmnu sa Triq il-Qroll u bankina fi Triq il-Qroll sabiex titranġa. Fi Triq il-Qroll saru xi *test holes* u dawn ma ntradmux. Hemm bżonn *patching* f' din it-triq. Il-bankina ta' din it-triq titranġa peress li mhijiex livellata sew. Sar suġġeriment sabiex issir *platform* fl-Għar il-Kbir ta' barra l-baħar.
- Sar suġġeriment sabiex Wied il-Kantra jitnaddaf minħabba li fih materjal li huwa *eyesore*. Fi Triq it-Torri hemm parti bla bankina.
- Saret mistoqsija lill-Kumitat dwar Triq ir-Rumani u meta din ser tinkesa bit-tarmak. Ix-xogħol ser jibda hekk kif il-Kunsill jirċievi konferma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 6.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

6.01 Ix-xogħol fil-Mitħna Sotterranja kien għaddej b' ritmu mgħaġġel. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Kuntrattur u l-Perit Edward Said għamlu żjara fil-Mitħna Sotterranja tal-Imġarr Malta u ta' San Ġwann. Ix-xogħol ta' restawr għandu jitlesta sal-14 t' April 2013.

## 7.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-livelli tal-pjazza ġew iċċekkjati mill-Perit Formosa. Issa l-Perit ser jiġi fuq il-post u ser ifassal il-proġett skont il-livelli.

**8.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-permessi sabiex jinbeda x-xogħol ta' kisi ta' toroq bit-tarmak waslu kollha. Il-kuntratt diġa' ġie ppreparat mill-Avukat Scerri iżda qabel ma jiġi ffirmat, il-Kunsill kiteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jagħtuna l-*go-ahead* sabiex ix-xogħol jinbeda.

**9.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

9.01 Fi Triq San Pawl kien tħassar sinjal immarkat fl-art. Inbidlet il-*corner mirror* li hemm fi Triq Ta' Marżiena. Inxtraw fjuri u tħawlu fil-*pots* tat-toroq u fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien iltaqa' mad-Direttur Manuel Tabone, Henry Cefai u l-Inġinier Bajada fejn ġiet diskussa l-indafa fix-Xlendi għax-xhur tas-Sajf. Bħas-sena l-oħra, il-Kunsill kien ser jordna Kennies sabiex jiknes it-toroq tax-Xlendi ħlief il-*main roads* fejn jitnaddfu mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.

10.02 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Philip Vella, il-Kordinatur tal-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsilli Lokali. F' din il-laqgħa ġew diskussi materji pendenti fil-Munxar u Ix-Xlendi fosthom il-kisi ta' toroq bl-iskema ta' PPP, l-indafa fix-Xlendi, il-manutenzjoni tax-Xlendi u proġetti futuri għax-Xlendi.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntratt għal Servizz ta' Perit għalaq fl-24 ta' Jannar 2013. Huwa rrakkomanda li dan il-Kuntratt jerġa' jiġi ffirmat għal sena oħra. Kien hemm qbil dwar dan.

11.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ddeċieda li għas-Sajf 2013 jerġa' jagħti servizz ta' Kennies fit-toroq tax-Xlendi. Huwa rrakkomanda li jerġa' jiġġedded il-Kuntratt ma' Saviour Xiberras li huwa l-istess persuna li tat dan is-servizz għas-Sajf 2011 u 2012. Kien hemm qbil dwar dan.

11.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qabel ma jiġi ffirmat il-Kuntratt ma' Green MT trid titħallas is-somma pendenti ta' €2,070.00 li ilha pendenti mis-sena l-oħra u titranġa l-klawsola fejn meta t-Tlieta taħbat btala pubblika, xorta ssir il-*collection*.

11.04 Is-Segretarju Eżekuttiv kien irċieva ilment dwar Triq Żgħawri peress li l-wiċċ tat-triq huwa fi stat diżastruż. Sar suġġeriment dwar jekk din it-triq tistax tingħata kisja tarmak u b' hekk jiġi ffrankat il-*patching*. Il-Kunsill ma jaqbilx li din it-triq tinkesa bit-tarmak peress li hemm triqat oħra li huma aktar ta' prijorita'.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Sqaq l-Isdieri ntefa' xi materjal li jrid jitneħħa bil-gaffa. Kien hemm qbil dwar dan.

13.02 Is-Sindku ġie avviċinat minn persuna li għandha proprjeta' f' Daħlet l-Isdieri fejn qed jitlob sabiex issir katusa minn Triq San Pawl u twassal l-ilma għall-bir tal-ġnien tiegħu. Huwa qed jitlob dan, peress li meta sar il-wiċċ ta' dan l-isqaq, l-ilma ma baqax jaqleb għal ġol-bir tiegħu. Is-Sindku ġie avviċinat minn xi ġirien fejn dawn ma jaqblux li jintefa' l-ilma mit-triq peress li jekk tagħmel ħafna xita huma jintlew bl-ilma.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 24 t' April 2013, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***